MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 2381/2000/1

**Paul u Mary Anne sive Marion, konjugi Portelli**

**v.**

**Ronald u Eugenia, konjugi Agius, u Noel u Andre` ahwa Agius ulied l-istess Ronald u Eugenia konjugi Agius**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. B'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Paul Portelli v. Ronald Agius (Citazzjoni numru – 296/96) il-

konvenuti konjugi Agius gew ikkundannati jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' kompravendita` ta' l-appartament numru 3 formanti parti minn blokk ta' appartamenti f'numru 7, Triq San Gwann Bosco, Sliema, u dan in ezekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta' April 1990. Tali kuntratt kellu jigi ppubblikat minn Nutar Dr. Tonio Spiteri fit-30 ta' Novembru 1999, izda din id-data giet mibdula mill-Qorti ta' l-Appell wara talba li l-attur ghamel permezz ta' rikors ipprezentat fil-25 ta' Novembru 1999. Il-Qorti b'digriet moghti minnha fit-28 ta' Dicembru 1999 iffissat il-gurnata tat-30 ta' Marzu 2000. Il-kuntratt izda rega' ma giex ippubblikat f'din id-data, u peress illi gew intavolati diversi proceduri gudizzjarji bejn il-partijiet fuq din il-kwistjoni, l-Qorti ta' l-Appell, b'digriet tal-10 ta' Mejju 2000 issospendiet il-pubblikazzjoni ta' dan it-trasferiment sakemm tali proceduri jigu finalment decizi.

**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**

2. L-atturi intavolaw din il-kawza fejn wara li ppremettew li ai termini tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-6 ta' Ottubru 1999 il-konjugi Agius kienu ghadhom obbligati li jittrasferulhom il-fond in kwistjoni, ziedu li dawn kienu assenjaw u ttrasferew b'titolu ta' donazzjoni ghal dejjem l-istess fond lil uliedhom Noel u Andre` u dan permezz ta' att ippublikat min-Nutar Henry Vassallo fil-21 ta' Jannar 2000. Tali trasferiment kien soggett ghad-dritt ta' uzu u abitazzjoni vita durante ta' ommhom Eugenia sive Jean Agius. Peress illi l-atturi jallegaw illi dan it-trasferiment sar bi frodi ghad-drittijiet taghhom, kif stabbiliti mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, talbu lill-Qorti:

(1.) tiddikjara li dan il-kuntratt ta' donazzjoni sar bi frodi ghad-drittijiet taghhom;

(2.) tordna li tali kuntratt jigi rexiss u dikjarat null u bla effett fil-ligi;

(3.) tinnomina nutar biex jippubblika l-att ta' rexissjoni u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

**<u>IN-NOTA TA' L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

3. Fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom (fol. 41) il-konvenuti eccepew
bazikament:
i) li l-bejgh ma sarx mhux bi htija taghhom izda minhabba nuqqas da parti ta’ l-atturi;

ii) li kien dritt taghhom li jaghmlu l-kuntratt ta’ donazzjoni, u l-atturi m’ghandhom ebda dritt jitolbu r-rexissjoni tal-kuntratt;

iii) l-azzjoni attrici, in kwantu bbazata fuq frodi, ghandha tigi michuda ghax m’hemmx l-estremi ta’ tali azzjoni.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

4. B’sentenza tas-27 ta’ Frar 2004, il-Prim Awla tal-Qorti Civili wara li kkonkludiet illi kienu jissussistu l-elementi kollha ta’ l-*Actio Pauliana*, laqghet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Agius. Kopja tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti qed tigi annessa bhala appendici biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

5.1. Il-konvenuti hassewhom aggravati b’din id-decizjoni u appellaw minnha fuq il-gravam illi dik il-Qorti ma qisitx l-animu li bih huma pprocedew ghall-kuntratt ta’ donazzjoni.

5.2. Fl-ewwel lok l-appellanti jissottomettu illi huma ntavolaw proceduri quddiem il-Prim Awla biex jattakkaw digrieti moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell “fejn gie koncess lill-atturi odjerni iktar zmien, anzi zmien indefinit, sabiex jikkonkludu x-xiri tal-proprjeta` in kwistjoni.” Huma jikkontendu li l-Qorti ta’ l-Appell ma setghetx testendi appuntament iffissat wara li l-kawza giet deciza, u li wisq inqas setghet testendih b’mod indefinit. Jissottomettu li sentenza dwar il-validita` o meno ta’ dawn id-digrieti tiddetermina jekk il-konvenuti humiex jew le debituri ta’ l-atturi ghaliex jekk jinstab li tali digriet kien null, dawn ma jistghux jitqiesu debituri ta’ l-atturi, ghaliex iz-zmien li fih dawn ta’ l-ahhar setghu jezercitaw id-dritt taghhom li jakkwistaw il-proprjeta` jkun skada. Jghidu li kien proprju dan id-dissidju li kien il-qofol ta’ kulma gara bejniethom.

5.3. Izidu li d-dikjarazzjoni tan-Nutar Tonio Spiteri datata 20 ta' Jannar 2000, u esebita fil-process, li Paul Portelli kien applika ghal self sabiex jixtri l-appartament u dan is-self kien jonqsu l-approvazzjoni tal-Legal Office tal-BOV u li kien mahsub min-Nutar li l-kuntratt ghal dan is-self jigi konkjuz mill-appellat qabel it-30 ta' Marzu 2000 hija ta' importanza kbira. Jghidu li in effetti meta wiehed jikkonsidra li huma kienu dehru ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt, waqt li l-appellati ma gewx, tali dikjarazzjoni, nieqsa minn kwalunkwe accenn ta' xi problema dwar passivita`, tinftiehem li l-appellati fid-data li fiha suppost sar it-trasferiment ma kellhomx il-fondi biex jixtru l-proprjeta`. Konsegwentement, wara li hadu parir legali, saret id-donazzjoni.

5.4. Finalment jissottomettu li t-trasferiment ma sarx biex huma jeludu l-obbligi taghhom, anzi huma ppruvaw illi din id-donazzjoni kienet parti ahharija ta' process ikbar li kien ilu sejjer fejn il-konjugi Agius kienu qed jghaddu l-gid taghhom lil uliedhom. Inoltre, in-nuqqas ta' *consilium fraudis* johrog ukoll mill-fatt li t-trasferiment in kwistjoni kienet donazzjoni fejn m'hemmx bzonn li l-animu frawdolenti jintwera fil-konfront tal-partijiet kollha izda bizzejjed jekk ikun f'min ikun qed jitrasferixxi.

Ghalhekk talbu r-revoka tas-sentenza appellata bl-ispejjez kontra l-atturi appellati.

## IR-RISPOSTA TA' L-APPELLATI

6.1. Fir-risposta taghhom, l-appellati wiegbu bazikament li l-aggravju relattiv ghall-proceduri dwar l-impunjazzjoni ta' digrieti moghtijin f'kawza ohra qatt ma kien meritu li tressaq quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk kellu jigi skartat. Barra li, f'kull kaz, lanqas ma kien gravam fondat.

6.2. Fil-mertu mbaghad, apparti li hawn si tratta ta' apprezzament ta' provi, il-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti kienet wahda gusta u li jisthoqqilha konferma. Inoltre jsostnu li fir-rigward ta' l-element tal-*consilium fraudis*, l-ewwel Qorti kienet ukoll korretta in kwantu rriteniet li l-konvenuti appellanti kienu jafu li l-att ta'

donazzjoni effettwat minnhom a favur ta’ wliedhom tal-proprjeta` in kwistjoni kien ser jippregudika u jilledi d-drittijiet taghhom. L-appell tal-konvenuti ghalhekk kellu jigi michud.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

7.1. Il-kawza attrici hija *actio* *Pauliana* ai termini ta’ l-Artikolu 1144 tal-Kap. 16, fejn l-atturi qed jattakkaw donazzjoni gratuwita li l-konjugi Agius ghamlu fil-21 ta’ Jannar 2000 lil uliedhom Andre` u Noel. L-atturi jibbazaw din il-pretensjoni taghhom fuq sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Ottubru 1999 fejn il-konjugi Agius, konvenuti f’din il-kawza, kienu gew ordnati “*jaddivjenu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt definittiv in esekuzzjoni tal-konvenju datat 25 ta’ April, 1990 li permezz tieghu ghandu jigi trasferit...b’titolu ta’ kompravendita` ta’ flat numru 3 fit-tielet sular (second floor level) formanti parti minn blokk ta’ appartamenti numru 7, Triq San Gwann Bosco kantuniera ma’ Tower Road, Sliema versu l-prezz u bil-pattijiet u kundizzjonijiet kollha hemm stipulati u dana fil-gurnata tat-30 ta’ Novembru 1990 fl-edificju ta’ din il-Qorti...*” Ghalhekk skond l-atturi l-konvenuti konjugi Agius ma setghux jassenjaw din il-proprjeta` lil terzi u b’hekk talbu r-rexissjoni ta’ dan il-kuntratt.

7.2. L-ewwel Qorti, wara li ezaminat l-atti u l-provi migbura, kkonkludiet illi l-konvenuti ma kellhomx dritt jittrasferixxu l-proprjeta` favur uliedhom ghaliex huma kienu jafu bid-digriet tal-Qorti ta’ l-Appell li kien inghata f’data ferm antecedenti ghal dik tal-kuntratt tad-donazzjoni. Ziedet tghid l-istess Qorti illi l-fatt li l-kuntratt ta’ bejgh ma kienx gie ppubblikat fit-30 ta’ Novembru 1999, jigifieri fil-gurnata originarjament iffissata mill-Qorti, ma jfissirx li l-obbligazzjoni minnhom assunta fil-konvenju kienet giet rexissa. Finalment ikkonkludiet li kienu jezistu l-elementi kollha ta’ l-azzjoni Pauliana, laqghet it-talbiet attrici, u ordnat ir-rexissjoni ta’ l-att ta’ donazzjoni.

7.3. L-appellanti l-ewwelnett jghidu li huma kienu intavolaw proceduri quddiem il-Prim Awla biex jattakkaw il-validita` tad-digriet tal-Qorti ta’ l-Appell ghaliex isostnu li din ma setghetx testendi appuntament iffissat wara li l-

kawza giet deciza u wisq inqas testendih b'mod indefinit. L-appellanti jissottomettu li l-ezitu ta' din il-kawza tiddetermina jekk huma kenux debituri ta' l-atturi. Jikkontendu li huma kellhom dritt jaghmlu din l-assenjazzjoni lil uliedhom ladarba l-atturi ma resqux ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt fid-data ffissata ghal dan l-iskop u mhux veru li dan il-kuntratt ma sarx minhabba xi problemi rigwardanti l-passivita` taghhom.

Il-Qorti tibda billi tosserva li, kif tajjeb intqal mill-appellati, tali gravam ma tressaqx ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti. Ghalhekk la hu lecitu u lanqas ma huwa konsentit ghall-konvenuti li jinkludu materji godda fi stadju ta' appell.

<u>F'kull kaz pero`</u> ic-citazzjoni l-ohra fl-ismijiet <u>inversi</u> (Citazzjoni numru 201/00 AJM), <u>giet trattata</u> kontestwalment ma' din il-kawza u nghatat decizjoni dwarha wkoll illum, b'ezitu sfavorevoli ghat-talbiet ta' l-odjerni appellanti. Konsegwentement, ghalhekk, dan l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

7.4. Fil-mertu mbaghad, l-appellanti jissottomettu wkoll li d-decizjoni taghhom li jassenjaw il-proprjeta` b'donazzjoni lill-uliedhom kienet ukoll affetta mid-dikjarazzjoni maghmula min-Nutar Tonio Spiteri datata 20 ta' Jannar 2000 li Paul Portelli kien jonqsu l-approvazzjoni tal-*Legal Office* tal-Bank. Izidu li "*wiehed ghalhekk jifhem, fi sfond fejn l-esponent kien ipprezenta ruhu doverosament fil-gurnata meta kellu jsir il-kuntratt, u l-appellati ma kienux gew, li dikjarazzjoni bhal dik, nieqsa minn l-icken accenn dwar xi problemi ta' passivita` tiftiehem b'mod li l-appellati ma kienux f'posizzjoni, fid-data meta suppost li kienu, sabiex jaghmlu l-kuntratt*." Jargumentaw illi biex wiehed jghid li huma kienu inadempjenti l-atturi messhom dehru fit-30 ta' Novembru 1999 ghaliex huma ma kienux jafu jekk l-appellanti kienux se jgibu flus maghhom bizzejjed biex ikopru l-ipoteki li kien hemm fuq il-proprjeta`. Kienu dawn ic-cirkostanzi li wasluhom ghall-konvinciment li huma kienu liberi li jassenjaw il-fond lil uliedhom. Inoltre jzidu li d-donazzjoni ma saritx bl-iskop li huma jeludu l-obbligi imposti fuqhom izda "*kienet parti ahharija ta' process ikbar li kien ilu sejjer, fejn il-konjugi Agius kienu*

*qed jghaddu l-gid taghhom lil uliedhom.*" Finalment jikkonkludu li n-nuqqas ta' *consilium fraudis* johrog car mill-fatt li huma assenjaw il-fond b'donazzjoni fejn huwa bizzejjed jekk l-animu frawdolenti jintwera f'min qed jitrasferixxi.

7.5. L-appellati, min-naha taghhom, jissottomettu li hawnhekk l-appellanti qed jattakkaw l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti. Jghidu li l-gurisprudenza patria dejjem irritenniet illi l-Qorti ta' l-Appell tista' tindahal biss fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali, li ma jissussistux fil-kaz odjern. Inoltre, l-ewwel Qorti diga` kkonsidrat dawn il-punti u skartathom bhala inkorretti.

7.6. Hu pacifiku li l-Qorti ta' l-Appell ma tindahalx, in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti hlief meta jkun irrizulta manifestament li din giet ezercitata hazin, jew ghal xi motiv gravi iehor (ara decizjoni in re: Elena Magri et v. Rosaria sive Rosa Borg – Appell Civili, deciz 10 ta' Gunju 1961). "Dan ghaliex hu car li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex." (ara decizjoni in re: Carmelo Agius v. John Agius – Appell Inferjuri, deciz 2 ta' Dicembru 1994[1].

7.7. Il-verzjoni ta' l-appellanti li din id-dikjarazzjoni (ara Dok TS a fol. 81 tal-process), li ma fiha l-ebda indikazzjoni dwar il-passivita` tal-konjugi Agius flimkien mal-fatt li l-atturi ma kienux dehru ghall-kuntratt fit-30 ta' Novembru 1999 wassalhom biex (i) jikkonkludu li l-atturi ma kenux fis-sitwazzjoni finanzjarja li jakkwistaw il-fond u (ii) li huma ma kienux ghadhom marbuta bl-obbligazzjoni minnhom assunta u (iii) li konsegwentement saret id-donazzjoni, hija inverosimili ghall-ahhar. L-ewwelnett jigi nnutat illi l-att ta' donazzjoni gie ppublikat l-ghada – fil-21 ta' Jannar

[1] Ara wkoll Marcus Marshall v. Raymond Aquilina pro et – Appell Superjuri deciz 6 ta' Dicembru 2002.

2000. Ronald Agius fix-xhieda tieghu fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2003[2] jispjega li:
"*Is-sitwazzjoni kienet hekk li meta rajt li fl-ahhar jumejn m'ghadx ghandi hin li ghandu jsir il-kuntratt jiena cempilt l-ufficju tan-Nutar Spiteri u rrispondieni s-Sur Camilleri. Jiena tlabtu x'hin u qalli li dana mhux ser isir ghaliex l-ewwelnett il-bank ghadu mhux konkluz min-naha tax-xerrej u t-tieni ghax in-Nutar Spiteri msiefer. F'dan il-kaz jiena cempilt immedjatament lill-avukat tieghi Dr. Anthony Farrugia u ghidtlu li (sic) x'kienet is-sitwazzjoni u ghidtlu biex jitlob bil-miktub din ir-risposta li ghandna.*"

Hawn l-appellant Agius qed jirreferi ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt li kellha ssir fit-30 ta' Novembru 1999 u jghid li cempel lill-avukat tieghu mmedjatament izda din ir-risposta, Dok TS, hija datata bosta granet wara, jigifieri fl-20 ta' Jannar 2000.

In-Nutar Tonio Spiteri xehed dwar din id-dikjarazzjoni fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2003[3] u qal li din talabilu Dr. Farrugia u qallu "biex naghmillu dikjarazzjoni li kien applika ghal *loan*." U qallu wkoll illi xtaq din id-dikjarazzjoni biex jikkonferma "li kont qed nghidlu kien veru li applika ghal <u>loan</u> is-Sur Portelli."

Jirrizulta kwindi bic-car li dak li jallegaw il-konvenuti appellanti m'huwiex veru. Tant hu hekk illi l-avukat Farrrugia diga` kien kellem lin-Nutar Henry Vassallo[4] u l-ghada li saret id-dikjarazzjoni gie ppublikat l-att ta' donazzjoni bejn il-konvenuti li min-naha taghhom kollha kkonfermaw li kienu hadu parir legali.

7.8. L-appellanti jippruvaw jiggustifikaw ruhhom billi jghidu li bid-donazzjoni li huma ghamlu lil uliedhom huma ma kenux qed jittentaw jaharbu mill-obbligi taghhom, izda kienu qed ikomplu ezercizzju li kien ilu sejjer, peress li l-konjugi Agius kienu sseparaw u qablu li jitrasferixxu l-assi taghhom lil uliedhom. Izidu li n-nuqqas ta' *consilium fraudis* johrog ukoll mill-fatt li huma ma bieghux il-fond

[2] Fol. 125-126.
[3] Fol. 88.
[4] Xhieda a fol. 54.

izda assenjawh b'donazzjoni. Dan l-argument huwa wkoll bla bazi legali – il-fatt li l-konjugi Agius kienu qed jisseparaw ma jfissirx li huma setghu jassenjaw proprjeta` li kienu diga` intrabtu li jbieghu lill-konjugi Portelli u li kienu gew ordnati jbieghu mill-Qorti ta' l-Appell. Inoltre, kif sewwa qalet l-ewwel Qorti l-*animus nocendi* mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni Pauliana, izda hija rikjesta biss il-konsapevolezza li l-att ser ikun leziv ghall-kreditur.

7.9. Gie ritenut illi ghad-debitur il-*consilium fraudis* jikkonsisti filli huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha ta' l-att minnu kompjut ossia jkun qieghed jidhol fil-kundizzjoni ta' insolvenza jew ta' "minor solvibilita`" (Vol. XXXIV.iii.851). Inoltre, "L-*animus nocendi* mhux mehtieg biex tigi ezercitata l-azzjoni revokatorja imma huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att ser ikun lesiv ghall-kreditur" (Vol. XXXIX.i.24). B'hekk l-intenzjoni li jigi defrawdat il-kreditur mhix necessarja (ara Carmelo v. Vicenzo sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: Bugeja v. Terrible et deciza 7 ta' Jannar 1936 – Vol. XXIX.ii.866). Illi inoltre l-Prim Awla fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Louis Cassar Pullicino noe v. Vincent Pace et**[5] intqal li: "Il-konsapevolezza da parti tad-debitur li l-att tieghu ser jikkaguna hsara fid-drittijiet tal-kreditur tieghu, taghti lok ghall-presunzjoni ta' l-intenzjoni fawdolenti 'ghax min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b'danakollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li hu jrid ukoll dak l-effett' (Brigette Vella v. Richard Vella et – Appell Civili deciz 27 ta' Frar 2003). Izda ghajr il-prova tax-xjenza ta' l-effetti ta' l-att da parti tad-debitur, il-ligi ma tirrikjedix prova ulterjuri da parti tal-kreditur.

"Kull ma hu mehtieg hu li d-debitur kien jaf li gie insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att, u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija haga inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt." (Vol. XLI.i.627).

[5] Prim Awla – cit. nru. – deciza 15 ta' Ottubru 2003.

Ma hemmx dubju li l-konjugi Agius, u anke wliedhom, ghalkemm tali prova mhix necessarja hawnhekk, kienu jafu li b'din id-donazzjoni kienu se jarrekaw hsara lill-konjugi Portelli. Jirrizulta mix-xhieda tan-Nutar Spiteri li hu kien informa lil Ronald Agius li l-problema ta' passivita` li kien hemm fuq il-fond kienet qed tikkreja ostakolu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' l-akkwist, u mhux kif xehed Ronald Agius li hu kien infurmat li l-kuntratt ma kienx se jsir ghaliex il-kompraturi kienu ghadhom ma ottjenewx il-finanzjament mill-bank taghhom. Inoltre, Agius jghid ukoll li l-attur rega' ma giex ghall-pubblikazzjoni fit-30 ta' Marzu 2000 (fol. 70) – izda kif sewwa osservat l-ewwel Qorti, f'din id-data l-att ta' donazzjoni kien diga` sar u ghalhekk il-proprjeta` ma kinetx ghadha tappartjeni lill-konjugi Agius, konsegwentement ma kienx hemm raguni ghalfejn Ronald Agius kellu jidher fit-30 ta' Marzu 2000. Jinghad ukoll li l-konvenuti lanqas infurmaw lin-nutar Henry Vassallo bid-decizjoni u d-digriet tal-Qorti ta' l-Appell u ezentawh min-necessita` li jaghmel ir-ricerki rikjesti mil-ligi[6]. Dan kollu jipprova li l-*consilium fraudis* kien jezisti.

L-appell, li ghalhekk huwa kjarament wiehed frivolu u vessatorju, ghandu jigi michud.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti, bl-ispejjez kontra taghhom. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 223 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

It-terminu ta' xahrejn, imsemmi fid-dispozittiv tas-sentenza appellata ghall-publikazzjoni ta' l-att ta' rexissjoni, jibda jiddekorri mil-lum.

Deputat Registratur
df

---

[6] Fol. 54 et seq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------